MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 426/2004

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu hawn Malta nhar it-tmienja (8) ta’ Awwissu 1992 hekk kif jirrizulta mill-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘MDD1’.

U premess illi miz-zwieg huma kellhom tifel wiehed.

U premess illi huma gja’ jinsabu legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

U premess illi l-kunsens tal-partijiet ta’ wiehed minnhom kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

U premess illi inoltre l-kunsens tal-partijiet jew ta’ wiehed minnhom inkiseb ukoll bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

U premess illi ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qieghed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa li:

1. Illi l-eccipjent, filwaqt illi jirrimetti ruhhu ghall-gudizzju ta’ dina l-Onorabbli Qorti inkwantu ghall-apprezzament tal-fatti kif dawn jirrizultaw fil-kors tas-smiegh ta’ din il-kawza u inkwantu jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Ligi ghal dawn il-fatti, jirrileva illi l-kunsens tieghu ghaz-zwieg minnhu kkuntrattat ma’ l-attrici ma kienx vizjat b’ xi difett ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju jew altrimenti miksub bl-eskluzjoni taz-zwieg innifsu jew ta’ xi element essenzjali taz-zwieg.

2. Illi l-eccipjent jirrileva – kif del resto sejjer jirrizulta mill-provi – illi l-komportament tal-attrici mertu matul iz-zwieg kien tali illi huwa certament possibbli illi l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg kien vizzjat.

3. Illi l-esponent ma ghandux jbati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenut minn naha tieghu jeccepixxi li l-kunsens tieghu ma kienx vizzjat kif sostnut mill-attrici; izda l-komportament ta’ l-attrici matul iz-zwieg kien “tali illi huwa certament possibbli li l-kunsens taghha” kien vizzjat.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet bdew johorgu flimkien meta l-attrici kellha 15-il sena, filwaqt li l-konvenut kellu 18-il sena. Wara circa seba’ snin li damu jiffrekwentaw lil xulxin, huma zzewwgu fit-8 ta’ Awissu 1992 meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 26 sena. Wara konvivenza matrimonjali ta’ hames [5] snin, il-partijiet, kif deciz u pjanat minnhom, kellhom tifel li twieled fis-6 ta’ Awissu 1997. Sentejn wara, l-attrici harbet mid-dar konjugali bit-tifel u marret tghix fi Franza; izda sussegwentement irritornat lura Malta u fl-24 ta’ Novembru 2004 huma ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tghid li minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien jabbuza mid-droga u mill-alkohol; kien ihobb jonfoq u skond hi jberbaq il-flus rizultat tal-fissazzjoni tieghu fl-istereos. Konsegwentement, wara xi sena li kienu ilhom

johorgu flimkien hija kienet “determinata li nitilqu”[1] minhabba n-nuqqas ta’ kontroll li kellu fuq il-flus li kien jaqla’ meta hi kienet iggemma’ l-paga taghha ghall-finijiet taz-zwieg. Hija ssemmi l-okkazzjoni tal-grizma ta’ huha li fiha kienet qaltlu bil-hsieb taghha, izda hu kien ikkonvinciha li jkomplu bir-relazzjoni;  u fi kliemha: “Jiena, ghax kont inhobbu, kont hfirtlu.”[2]

Izda fix-xhieda taghha hija tghid: “Il-papa’ tieghi jien kont nibza’ minnu, u ghidt lil mama [li] jiena nixtieq nitilqu u ma nixtieqx inkompli mieghu, u l-mama qaltli ‘jekk titilqu missierek jaghmel ghalik. Il-papa’ infatti ghidtlu u ma ridnix.”[3]  Tkompli tghid, fuq mistoqsijiet, “li qabel iz-zwieg jien kien ikolli nipprova nhobbu bilfors”[4] u tghid li “xorta kelli nizzewwgu.”[5]

L-attrici tkompli tghid li, “immedjatament wara z-zwieg”[6] il-konvenut kien “qabad dejjem jghajjarni, jahtafni, jghajjat mieghi ghal xejn b’ xejn, u xi kultant sahansitra jobzoqli f’ wicci…. Kif ukoll juza forza fizika.”[7]  Tghid pero’ li, minkejja li zewgha kien jitrattaha hazin, “jiena xorta wahda kont ingiblu rispett, u nipprova nsalva z-zwieg taghna.”[8]

Tghid li “wara erba’ snin li ahna konna ilna mizzewwgin, ahna konna ddecidejna li jkollna t-tfal.”[9] u wara xi zmien jipprovaw ghal dan il-ghan, huma kellhom tifel.

L-attrici tispjega li fl-ahhar tas-sena 1999 hija kienet marret ghand l-Avukat sabiex tibda l-proceduri tas-separazzjoni ghax ma setghetx “nistikja aktar”;  izda kif il-konvenut sar jaf li martu kienet ser tiftah proceduri ghas-separazzjoni l-komportament tieghu fil-konfront taghha sar aktar abuziv;  tant li eventwalment “kont iddecidejt li nitlaq

---

[1] Aff. Fol.36
[2] Ibid
[3] Dep. Fol.58
[4] Fol.60
[5] Fol.61
[6] Aff. Fol.37
[7] Ibid.
[8] Ibid.
[9] Ibid. -  sottolinear tal-Qorti.

minn Malta, u nkarigajt lill-Avukat il-gdid sabiex jibda l-proceduri."[10]

*Verzjoni tal-Konvenut*

Il-konvenut jghid li "L-gherusija taghna kienet wahda normali, u tajba hafna, in fatti kollox kien ippjanat minna sabiex nasslu ghaz-zwieg……..kollox sar bi ftehim u qbil bejnietna….Xi sentejn qabel iz-zwieg konna xtrajna post gebel u saqaf, u kont immur nahdem fih f' dawk l-ahhar sentejn sabiex jkun fi stat abitabbli.

Huwa jichad b' mod assolut li kien jabbuza mid-droga jew mill-alkolhol;  jichad li kienu jiggieldu u li kien jerfa' idejh fuqha, u li kien jghajjarha ghax damu ma kellhom it-tifel. Jghid li "kollox kien miexi sew fiz-zwieg."[11]  Dan jikkonfermah fid-depozizzjoni tieghu fejn jghid li qabel iz-zwieg ma kienx hemm problemi kbar, u li matul il-konvivenza matrimonjali "jiena kont inhossni happy … jiena kont inhobbha."  Jghid li fiz-zwieg "Hames [5] snin kienu tajjeb, zgur"[12]

Jispjega li dam hames snin jirregistra qabel ma sab impieg regolari.  Huwa kien jahdem part-time bhala DJ biex idawwar lira, u minn dak li kien idahhal kien jixtri l-apparat.  Dak li kien jixtri, kien juzah biex ikun jista' jahdem u jaqla' l-flus.

Il-konvenut jispjega li l-hajja taghhom hadet zvolta orha mis-6 ta' Novembru 1999 meta l-attrici kienet irritornat mill-Italja fejn kienet marret minhabba l-impieg taghha. Jghid: "Ftit sieghat wara li wasslet Malta, hija qaltli li ma tistax tibqa' tghix aktar mieghi ghax hawn Malta ma' kellhiex futur u ma setghetx tghix aktar mieghi, pero' baqghet ma tatnix spjegazzjoni."[13]  Minn hawn beda l-inkwiet matrimonjali u l-konvenut beda jissuspetta li martu kienet qed tkun infidila lejh.

[10] Fol.38
[11] Aff. Fol.47
[12] Dep. Fol.96
[13] Fol.47

Jghid li sussegwentement, martu kienet ammettiet mieghu li kellha relazzjoni ma’ persuna ta’ nazzjonalita’ franciza li kien impjegat mal-fabbrika fejn kienet qeda tahdem, regghet qaltlu li ma setghetx tghix aktar mieghu “u li kont ser inhassrilha l-futur taghha.”

Sussegwentement fil-5 ta’ Marzu 2000, wara li gie lura minn gurnata xoghol sab li martu kienet telqet mid-dar u hadet maghha lit-tifel. Wara ricerka ntensiva li saret mill-konvenut, bl-ghajnuna tal-pulizija u l-ambaxxjati, lokali u barranin, l-attrici giet rintraccjata u nstab li kienet qeda tghix fi Franza llegalment. Eventwalment din regghet giet lura Malta.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*
Illi dak li huwa rilevanti ghar-rizoluzzjoni ta’ dan il-kaz, huwa l-istat mentali tal-partijiet meta dawn taw il-kunsens matrimonjali taghhom; u l-provi ta’ fatti antecedenti u sussegwenti ghaz-zwieg, huma relevanti biss in kwantu jixhtu xi dawl fuq dan l-istat tal-partijiet f’ dak iz-zmien.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u hija tal-fehema li, in sostanza, u ghal dak li huwa relevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna, hija disposta li taghti affidament lill-konvenut in kwantu ghall-fatt li l-partijiet iddecidew li jizzewwgu, u kienu kuntenti b’ din id-decizjoni taghhom: kemm il-konvenut, kif ukoll l-attrici li tghid li kienet hi li hadet hsieb u halset[14] ghall-preparattivi kollha tat-tieg; u, ghalkemm fix-xhieda taghha tipprova taghti l-impressjoni li kienet izzewwget kontra l-volonta’ taghha, il-provi juru l-kuntrarju; u kif stqarret fl-affidavit taghha, ghalkemm id-difetti tal-konvenut kif delineati minnha kienu jdejjquha, hija xorta wahda baqghet ghaddejja bir-relazzjoni “ghax kont inhobbu.”[15]

Jirrizulta ghal din il-Qorti li huma zzewwgu bl-iskop li jikkonvivu flimkien, kif fil-fatt ghamlu, u jgibu tfal fid-dinja; tant li, wara erba’ snin ta’ konvivenza matrimonjali huma ddecidew u ppjanaw li kien wasal iz-zmien li jkollhom

[14] Aff. Fol.,36
[15] Supra.

tarbija li fil-fatt twieldet fis-sena 2000. Dan il-fatt, ghalkemm ma jikkorroborax fl-interezza taghha x-xhieda tal-konvenut li donnu ma kien hemm xejn hazin fiz-zwieg taghhom, huwa pero' evidenza tal-fatt li fl-ewwel erba' snin tal-hajja konjugali l-partijiet kienu jhossu li r-relazzjoni matrimonjali taghhom kienet tajba bizzejjed li ddecidew li jkollhom tarbija minn din ir-relazzjoni.

Il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-partijiet jew xi hadd minnhom, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja konjugali; ma rrizultax li dawna ma kellhom certu dixxerniment ta' dak li kienet timporta l-hajja konjugali bid-drittijiet u l-obbligi taghha; anzi kif fuq spjegat, il-provi juru l-kuntrarju. Huma riedu jikkonvivu, u riedu li jkollhom tfal fiz-zwieg: decizjoni li kompliet tipperdura almenu ghal erba' snin wara d-data taz-zwieg.

Lanqas irrizulta li xi hadd mill-partijiet kien suggett ghal xi anomalija psikoligika serja li kienet ghamlitha mpossibbli ghal xi parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Finalment hija opportuna l-osservazzjoni li, ghalkemm l-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenut kien jabbuza mid-droga u mill-alkohol, hija ma gabet ebda prova in propozitu, u inoltre l-konvenut cahad din l-allegazzjoni kategorikament; u ghalhekk din il-Qorti thoss li din hija biss invenzjoni da parti ta' l-attrici b' tentattiv li ssostni t-talba taghha. Jigi osservat ukoll li, anke l-allegazzjoni taghha li l-komportament abuziv da parti ta' zewgha kien beda mill-bidunett taz-zwieg, ma tinsabx adegwatament sostnuta mill-provi, kemm ghax il-konvenut innegaha, kif ukoll ghax il-provi juru li hi kienet komda bizzejjed fil-hajja matrimonjali biex wara konvivenza matrimonjali ta' erba' snin tiddeciedi flimkien mal-konvenut li ggib tarbija fid-dinja. Fi kliemha: "ahna ddecidejna li jkollna t-tfal."[16] Dan huwa ndikattiv li l-hajja konjugali tal-

[16] Fol.37

partijiet ma kienitx daqshekk negattiva daqs l-istampa li pprovat taghti l-attrici fid-depozizzjoni taghha.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ma ssibx sostenn fil-provi u timmerita li tigi michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------